**Qorti Civili (Sezzjoni Familja)**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 206/21/2JVC**

**Edward Magro**

**vs**

**Ingrid Magro**

**Wara r-rikors ta' Edward Magro prezentat fid-19 ta' Novembru, 2021, u r-risposta ta' Ingrid Magro datata 29 ta' Novembru, 2021.**

**Illum 6 ta' Dicembru 2021;**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent fejn ghar-ragunijiet msemmija fl-istess talab li din il-Qorti tinibixxi lill-initimata milli:

'B'ezercizzju arbitrarju tal-pretensjonijiet taghha, u bi ksur tal-ligi civili u dik penali, tiehu b'idejha hwejjeg mobbli li tivvanta pretensjoni fuqhom mid-dar matrimonjali Numru 23, Triq Giovanni Felice Inglott, Pembroke, li hija abbandunat sena u tlet xhur ilu.'

u dan pendenti proceduri ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta tal-intimata li ghar-ragunijiet ndikati fl-istess talbet li din il-Qorti tichad it-talba. Rat l-affidavit tal-intimata anness u d-dokumentazzjoni kollha;

Semghet it-trattazzjoni esentiva tal-Avukati tal-Partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi fl-atti l-intimata ma cahdet bl-ebda mod il-pretensjoni tar-rikorrent li hija effettivament kien behsiebha taghmel l-arrangamenti sabiex iggorr bosta oggetti li jinsabu fid-dar matrimonjali tal-partijiet, u li presentement jghix fiha biss ir-rikorrent, tant li nfuratu li kienet ser tibghat it-trakk biex iggorr;

Da parti tieghu r-rikorrent ma jichadx li ghalkemm id-dar matrimonjali hija proprjeta' taz-zewg partijiet bosta mill-ghamara li tinsab fl-istess dar u oggetti mobbli huma oggetti parafernali tal-inimata;

L-argument tar-rikorrent huwa li pendenti proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet, fejn il-jeddijiet taz-zewg partijiet ghadhom mhux finalment kristallizzati, l-intimata ma ghandha l-ebda jedd li tbattal id-dar matrimonjali mill-oggetti li hemm fiha anki jekk bil-pretensjoni li dawn huwa parafernali b'tali mod li tirrendi tali dar matrimonajli inabitabbli;

Il-Qorti rat li mir-risposta tal-intimata jirrizulta li hemm skrittura li saret qabel iz-zwieg u li fiha hemm indikat specifikatament uhud mill-oggetti proprjeta' parafernali tal-intimata. Izda rat ukoll li l-intimata fir-risposta taghha tghid li ma kienx behsiebha tiehu dawn l-oggetti biss mid-dar matrimonjali izda wkoll oggetti jew ahjar dawk li hija ssejjah rigali moghtija lilha kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg u dan ghaliex issostni li fit-termini tal-ligi dawn huma proprjeta taghha.

Appuntu izda, l-proceduri ta' separazzjoni personali fi hdan il-Qorti tal-Familja pendenti qieghdin hemm sabiex il-partijiet, jew jiftehemu bejniethom liema oggetti huma parafernali jew rigali personali u ohrajn li huma in komuni u jaslu ghal ftehim ta' separazzjoni personali bejniethom altrimenti f'nuqqas ta' ftehim tkun il-Qorti li tiddeciedi lil min jisthoqq li jinghataw il-mobbli.

Il-Qorti rat, ghall-kuntrarju ta' dak espost mill-intimata, li dak li qed tittenta taghmel l-intimata hu appuntu li tiehu l-ligi b'idejha, tiddeciedi hi wahedha x'ghandha tiehu u ma tiehux mid-dar matrimonjali, dan qabel ma jkun hemm ftehim jew decizjoni, w'ghalhekk il-jedd *prima facie* tar-rikorrent huwa pruvat.

Il-Qorti tqis ukoll li fic-cirkustanzi jekk din il-Qorti ma tikkonfermax il-mandat ta' inibizzjoni odjern, il-jeddijiet tar-rikorrent pendenti l-proceduri ta' separazzjoni personali jistghu jigu serjament pregudikati nkluz li jispicca f'dar matrimonjali mhux abitabbli.

F'kaz li l-intimata verament ghandha bzonn li taghmel uzu minn xi oggetti parafernali taghha pendenti l-proceduri bejn il-partijiet jezisti r-rimedju li jsir rikors lill-Qorti tal-Familja sabiex tigi awtorizzata tiehu l-pussess tal-oggetti, izda mhux li l-intimata taqbad u tiehu l-ligi b'idejha.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex tikkonferma d-digriet precedenti taghha u tilqa' definittivament il-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 206/21/2 kif mitlub.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**